KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Id-Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Vince Bonello
Mario Calleja
Maria Baldacchino
Antoine Vassallo

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg
Jean Carl Agius Ciscaldi
Aymen Grech Pace
Maria Mallia

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

| | |
|---|---|
| **15.02** | **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti** |
| 15.02.01 | Rigward Pjazza 7 ta' Ġunju, ġew approvati li jitwaħħlu aktar kameras mingħand Ambjent Malta. Dan huwa spunt tajjeb ħafna, però għad hemm problema ta' kull jum relatata mal-boroż is-suwed, iżda grazzi għal dawn il-kameras hemm ċans li din il-problema tiġi ikkontrollata. |
| 15.02.02 | Rigward ix-xogħolijiet tar-Roof Garden dan mixi tajjeb. Is-Sindku qal li kellu laqgħa fuq il-post fejn min-naħa tiegħu issa li hemm parti minnu sew lesta, talab lill-perit biex jinbidel ftit il-*layout*. Dan għal fatt li għalkemm hemm bosta biċċiet fejn se jkun hemm il-pjanti, kien hemm nuqqas ta' spazju fejn jista' jkun hemm xi attivitajiet fiżiċi jew anke logħob għat-tfal. Dan il-proġett ilu għaddej sew, però jidher li sa tmiem din is-sena se jkun lest. |
| 15.02.03 | Is-Sindku fakkar li dan il-proġett se jkun qed jiswa ħafna flus. F'dan il-proġett kien hemm spejjeż kbar fuq periti u *contract managers*. Il-fondi li ingħataw mingħand Ambjent Malta u anke Planning Authority ma' jinkludux dawn l-ispejjeż. Fuq dan il-punt huwa qal li se jkun qed isir xogħol biex jinġiebu aktar fondi biex jiġu koperti dawn l-ispejjeż. |
| 15.02.04 | Is-Sindku tkellem fuq il-kwistjoni tal-*Y-plates* jidher li din ġiet solvuta. |
| 15.02.05 | Bħalissa beda xogħol minn Infrastructure Malta fi Triq San Ġorġ Preca u Triq Joe Gasan biex issir *cycle lane* u kif ukoll toroq ġodda. Sintendi dawn huwa ta' vantaġġ anke għal fatt li qed jiġu rranġati l-bankini li kienu fi bżonn. Fuq nota oħra hemm kwistjonijiet fuq is-*cycle lane* fejn se jiżdiedu xi żebra *crossings* li biex dawn isiru jrid jitnaqqas il-parkeġġ. Se tkun qed issir laqgħa fuq dan il-punt. Se jkun qed isir laqgħa biex jaraw x'possibilitajiet hemm. Sakemm isir ix-xogħol qed jiġi ikkunsidrat li Triq l-Ispartani tiġi *one way* bil-kontra. |
| 15.02.06 | Ġie propost li l-kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/07/2025 Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità. Il-kunsill applika għal din l-iskema għall-Bandli ta' Anton Buttigieg. Għalkemm l-ammont huwa kbir, kważi €300k għal din l-iskema, l-applikazzjoni – li tammonta għall-€100K – se jsiru xi diskussjoni mal-Perit għall-possibilità li jitnaqqsu xi affarijiet, li wara ikollna l-faċilita li l-kunsill japplika għal xi fondi addizzjonali mingħand il-Planning Authority. |
| 15.02.06 | Fuq tenders, saret l-aġġudikazzjoni għal tal-bulky, fejn fil-mument jinsab fil-proċess ta' oġġezzjoni li dak jiskadi l-Ħamis 11 ta' Settembru. Hekk kif dan ikun finalizzat u kollox se jkunu qed jiġu ppublikati dawk tal-konvenjenza pubblika u kif ukoll tal-knis u eventwalment il-kumplament. Wara dan il-proċess hekk ikunu ħarġu t-tenders kollha. |

15.02.07 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-YMCA. Qed jiġu mas-60 persuna biex jieħdu s-servizz tal-YMCA, dan qed iwassal għal konsegwenza li dawn qed jibqgħu hawn fil-Ħamrun. Kien hemm ukoll laqgħa oħra magħhom u l-pulizija biex tiġi indirizzata aħjar din il-problema. Huma bħala YMCA se jkunu qed jiltaqgħu mal-Ministru ikkonċernat biex naraw x'jistgħu jsir.

15.02.08 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li fi Triq is-Santissima Trinità għadu għaddej ix-xogħol b'din it-triq.

15.02.09 Il-Kunsill kien irċieva proposta minn Calypso Radio fejn se tkun kampanja informattiva fuq il-lokal, pero wara laqgħa li saret din il-kampanja se tkun ukoll amalgamata mal-Festival taċ-Ċikkulata.

15.02.10 Huwa posta l-attivitajiet li saru mill-kunsill. Fosthom kien hemm dik tal-għana li saret fi Pjazza San Pawl, fejn għalkemm kien hemm in-nies, kienet tkun ħaġa aħjar li kieku kien hemm xi ftit aktar, għalfatt li dawn huwa attivitajiet tajbin. Kien hemm ukoll l-attivita The Pizza Experience, fejn kien hemm ammont sabiħ ta' nies u deher li n-nies ħadu gost. Is-Sindku qal li huwa mportanti li bħala kunsilliera nkunu dejjem preżenti għall-attivitajiet.

## 15.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.03.01 Festa Kunċizzjoni għaddiet u kienet festa tajba ħafna. Qed jaħdmu b'mod tajjeb ħafna u bħala kunsill dejjem kien ta' għajnuna meta kien mitlub.

15.03.02 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li t-tender tal-carpark se jkun qed joħroġ fiż-żmien li ġej, għal fatt li fil-mument qed jiġu finalizzati l-aħħar dettalji. Huwa fakkar li min se jkun qed jieħdu dan it-tender jrid jagħmel lifts ġodda, sistema ġdida tal-ħruġ u dħul, 24hr Service tal-parkeġġ u kif ukoll maintanance. Huwa fakkar li dan ix-xogħol jrid isir mal-ewwel hekk kif jieħu t-tender.

15.03.03 Fuq dan il-punt is-Sindku qal qal li għalfatt li hemm xi ftit dewmien biex it-tender jiġi finalizzat biex ukoll ikun magħmul fl-aqwa mod u forsi jista' jkun hemm xi appelli, huwa qed jaħseb li t-tender attwali jiġi mġedded bi ftit – massimu ta' sitt (6) xhur, minn meta jiskadi fl-aħħar tas-sena. Fuq dan il-punt saret xi korrispondenza mal-Kumpanija MCP, u dawn fuq dan il-punt għamlu xi kundizzjonijiet. Huwa qalu li filwaqt li l-profit sharing u l-kera tibqa l-istess, huma mhux lesti jkun jagħmlu tajjeb għal xi ħsarat li jista' jkun hemm, fosthom ħsarat fil-lift. Huwa qablu però, li jekk ikun hemm ħsara fis-sistema tad-dħul u ħruġ, dik tkun tagħhom. Fuq dawn il-punti saret diskussjoni libera.

15.03.04 Is-Sindku qal li fuq dan it-tender li se jkun qed joħroġ mhux bil-profit sharing imma min se japplika jrid joffri somma fis-sena. Abbażi ta' kalkoli, s-Sindku qal li l-miżata fis-sena għandha tgħola fil-prezz. Il-miżata relatata ma' ħin qasir jibqa' l-istess filwaqt li jkun dak ta' sena li jgħola. Il-fee fil-mument hija rħisa ħafna u li qed iħalli lok għal abbużi. Huwa qal li l-miżata għandha titla għall-€700. It-talba għal użu ta' dan il-parkeġġ hija waħda għolja. Fuq dan

saret diskussjoni libera fejn fuq dan il-punt il-kunsill qabel u approva li eventwalment ir-rata tas-sena tgħola.

15.03.05 Is-Sindku qal li r-renta tal-parkeġġ hija dik ta' €50 elf ewro fis-sena. Sintendi meta jiġi biex joħroġ it-tender jaf min ikun hemm li joffri aktar, aktar dan iwassal biex dak li li joffri aktar jirbaħ it-tender. Saret diskussjoni libera fuq dan.

15.03.06 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li saret laqgħa ma' kumpanija ta' *marketing* fejn offriet li tkun tista' taħdem fuq kampanja ta' riklamar għal-lokal. Din il-Kumpanija offriet pakkett attraenti ħafna u kif ukoll offrew skont biex tkun tista ssir din il-kampanja. Huwa qal li l-ispiża globali hija dik ta' €5k. Dan se jkun jikkonsisti fi 12 reel u 12 post fix-xahar li jkun fiha aktar informazzjoni fuq is-sabiħ li hu u li joffri l-Ħamrun. Din il-kampanja se tkun qed turi il-wiċċ l-ieħor tal-Ħamrun. Kunsill approva.

15.03.07 Is-Sindku qal li wasal ir-rapport tal-awditur, biex b'hekk ġiet awditjata is-sena 2022. Issa se jkun qed jibda l-proċess li jibda jinħadem l-audit tas-sena 2023

15.03.08 Waqt din il-laqgħa tela l-audit għall-approvazzjoni tal-kunsill. Kien hemm kjarifika rigward xi fondi, fejn fuq dawn is-Sindku qal li għal fatt li kien hemm diversi tibdiliet amministrattivi, ġara li kien hemm xi rekords ma inżammux. tajjeb.

15.03.09 Il-Kunsillier Mario Calleja qal li jkun tajjeb li jkollna arkivju b'aktar dettalji. Wara dan il-punt, il-Kunsill approva l-audit għas-sena 2022

15.03.10 Il-Festival taċ-ċikkulata se jsir is-Sibt 18 ta' Ottubru. Bħala set-up se jkun l-istess però se tkun qed issir aktar ħidma intensiva għalfatt li din is-sena se jkun il-ħmistax-il anniversarju.

15.03.11 Fuq dan is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hemm opzjonijiet varji fuq min se jkun qed jagħmel l-istrutturi taċ-ċikkulata. Hemm dak tas-soltu, u kif ukoll hemm dak li kien jagħmel dawn l-istrutturi fis-snin li għaddew u kif ukoll ieħor li huwa stmat li huwa wieħed mill-aqwa għaxra tad-dinja. Huwa mpossibbli li bħala kunsill ikun hemm kollha, però qed jsir xogħol biex jinġiebu xi fondi. Huwa qal ukoll li se jkun hemm l-ammont ta' stages bħas-snin ta' qabel u qal li jekk hemm xi nies li jixtiequ jagħtu sehemhom u jkunu bla ħlas ikun tajjeb li jiġu avviċinati.

15.03.12 Is-Sindku qal li din l-attività tirrikjedi ammont kbir ta' flus, għalhekk ikun tajjeb li nippruvaw naħdmu però bl-anqas spejjeż possibbli. Għalfatt li hemm spejjeż kbar li huma fost l-oħrajn dawn, armar, gwardjani lokali. Bħala kunsill jaħdem billi jinġiebu tlett stimi biex dejjem ikollna l-aħjar prezzijiet.

15.03.13 Bħala tema is-Sindku qal li jixtieq li jkun xi kantant famuż biex forsi anke jkun preżenti waqt l-attivita, jew inkellha xi ħaġa relatata ma' Heritage Malta, bħal xi ħaġa li tmur lura fiż-żmien tal-istorja tal-pajjiż.

15.03.14 Għal din l-attivita se tkun qed issir ħidma biex jinfetħu x-xelters u kif ukoll xi attrazzjonijiet oħra.

15.03.15 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li l-kunsill għandi tmien spots (8 cameras). Bħala kunsill tkellimna ma diversi operaturi tas-servizz tal-internet biex naraw l-aħjar prezzijiet. S'issa jidher li l-aħjar rati huma dawk tal-Melita. Kunsill qabel fuq dan.

15.03.16 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ġie infurmat li xi studenti minn Birkirara se jiġu fl-iskejjel tal-Ħamrun. Dawn talbu li Triq Gaetano Paċe Forno tiġi *one way* bil-kontra. Fil-mument tiġa hemm problema ħabba l-iskejjel li hemm mal-madwar, u issa għalfatt li ġejjin aktar privates se jkun hemm aktar problemi. Se tkun qed issir laqgħa biex jaraw x'se tkun is-soluzzjoni għal dan kollu.

**15.04 Korrispondenza**

15.04.01 Huwa posta inviti li qed jintbagħatu relatati mal-festa ta' San Gejtanu u kif ukoll il-lista tal-qari għall-quddiesa tal-Festa ta' San Gejtanu

**15.05 Festa San Gejtanu**

15.05.01 Fuq il-festa ta' San Gejtanu kollox se jkun qed jinħadem normali. Bħala parkeġġ se jkun hemm l-iskejjel miftuħin il-Ħamis, il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd. Se jsiru mobile toilets bħas-snin ta' qabel u kif ukoll, bħas-snin li għaddew il-kunsill se nkunu qed ngħinu l-għaqdiet fl-insurance tan-nar. Bħal dejjem ukoll se jkunu qed joħorġu permessi għall-barijiet.

**15.06 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

15.06.01 Il-Kunsillier Dr Antoine Vassallo qajjem il-punt tal-problema li hemm fi Triq is-Sewwieqa. Jidher li din it-triq hija sfrundata pero din l-unika soluzzjoni hi li ssir mill-bidu. Bħala kunsill qed nippruvaw naħdmu billi nagħmlu xi ftit tarmak, pero l-unika alternattiva hi li din tinqala mill-bidu.

15.06.02 Il-Kunsillier Mario Calleja, xtaq iwassal ir-ringrazzjament tax-xogħol li sar relatat mad-drenaġġ fejn il-Ġnien Salvinu Spiteri, għax bl-interventi li saru t-triq hija aħjar.

15.06.03 L-istess kunsillier qal li meta kien preżenti għall-attivitá tal-għana kienu bosta dawk li ilmentaw fuq l-kwistjoni tal-wirdien, però s-sindku qal li din il-problema ġiet indirizzata fil-jiem li għaddew.

15.06.04 Huwa qal ukoll li bħalissa qed jibda x-xogħol fuq il-ħsarat li hemm fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani. Is-Sindku qal li qed jipprova jara għal xi fondi 'mma l-fatt li x-xogħol beda dan qed ikun diffiċli.

15.06.05 Il-Kunsillier Mario Calleja qal li forsi tkun idea tajba li jkun hemm xi cameras oħra għal fatt li qed jintrema l-iskart b'mod regolari fejn Ġnien Salvinu Spiteri.

15.06.06 Il-Kunsilliera Maria Baldacchino qalet li kien hemm persuna li jixtieq jagħti donazzjonijiet f'kotba u rumanzi. Jidher li dan l-individwu se jkun qed jwassal il-kotba fil-liberija stess.

**15.07 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

15.07.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 06.2025 ġiet approvata minn Maria Baldacchino u issekondata minn Mario Calleja.

**15.08 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Ħamis 11 ta' Settembru, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv